MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 796/1997/1

Saviour Bonnici
vs
Chairman, Telemalta Corporation u Maltacom p.l.c. bhala successur ta’ l-istess b’digriet tal-20 ta’ Ottubru 1999

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1987, ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjoni li kien haqqu u minflok inghata transfer vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

Illi r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fis-sena 1970.

Illi fl-1976, ir-rikorrent kien ha promotion ta' supervisor u wara xi erba' snin kien sar chargehand.

Illi fis-sena 1986, ir-rikorrent kien gie promoss ghall-grad ta' T.O. I.

Illi f'Mejju ta' 1987 kienu bdew sensiela ta' transfers li kien gie assoggettat ghalihom ir-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien gie negat il-possibbilita` li jahdem overtime bhal shabu.

Illi fis-sena 1989, ir-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni ta' T.O. II u T.O. III, kien attenda l-interview izda minkejja li kien mar tajjeb, il-promozzjoni nghatat lin-nies b'anqas servizz u esperjenza minnu. Ir-rikorrent minflok inghata transfers.

Illi fit-28 ta' Gunju, 1990, ir-rikorrent kien ressaq il-kaz quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Rizultat tal-Bord tal-Promozzjonijiet (Dok A).

Illi r-rikorrent kien inghata l-promozzjoni ta' T.O. II u T.O. III biss fis-sena 1995, bil-konsegwenza li ma kienx inghata l-opportunita` li javvanza aktar 'il quddiem u tilef ukoll is-seniority.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib, sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja u dan billi jinghata rimedju fis-sens li jigi mgharraf li nghata l-promozzjoni lura sa mis-sena 1989 u jinghata kumpens ghall-opportunitajiet li tilef jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentat mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer II u Technical Officer III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghaz-zewg postijiet pero` ma kkwalifikax u ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni.

Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Technical Officer II, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 43 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 10 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 12 minn 20 marka ta' l-esperjenza; ebda marka minn 15-il marka ghal kwalifiki; 10 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 6 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 4 minn 5 marki ghal personalita`.

Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Technical Officer III, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 34 marka. Dawn kienu mqassmin hekk:- 10 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz, 7 minn 20 marka ta' l-esperjenza, ebda marka minn 15-il marka ghal kwalifiki, 10 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika, 3 minn 10 marki ghall-mistoqsija generali u 4 minn 5 marki ghal personalita`.

Dwar l-allegazzjoni fuq trasferimenti, l-uniku record tal-Korporazzjoni hija li r-rikorrent kien gie trasferit mis-Civil Engineering Works (Floriana) ghall-Planning Section, il-Marsa fit-18 ta' Ottubru 1989.

Dwar l-allegazzjoni li kien gie negat il-possibilita` li jahdem overtime bhal shabu, ir-rikorrent ghandu jispecifika dettaljatament l-ilment tieghu biex il-korporazzjoni tkun tista' twiegeb u taghti l-ispjegazzjonijiet mehtiega.

Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li t-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma illi fl-1970 huwa kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta bhala 'Labourer'. Fl-1976 kien ha l-promozzjoni ghal 'Supervisor' u wara xi erba' snin sar 'Chargehand' u fl-1986 kien ha l-promozzjoni ghal Technical Officer I (TO I). Semma li minn Mejju 1987, precizament minn meta nbidel il-Gvern, huwa kien sofra sensiela ta' transfers kif ukoll ma kienx jinghata 'overtime' bhall-impjegati l-ohra tal-Korporazzjoni.

Semma li hu kien stazzjonat B'Kara u xi jumejn wara l-elezzjoni ta' l-1987 kien gie trasferit ghal San Pawl il-Bahar l-exchange u hemm kien dam disa' xhur. Semma li xogholu bhala T.O. I qabel ma kien gie trasferit San Pawl il-Bahar kien li jara li x-xoghol got-trinek isir kif suppost. Qal li meta gie trasferit San Pawl il-Bahar ma kellu xejn x' jaghmel u spicca f' kamra fuq kaxxa tal-luminata jhares u wara tliet xhur kienu tawh xi xoghol. Semma li wara disa' xhur San Pawl il-Bahar kienu baghatuh B'Kara fejn kien qabel u rega' beda jaghmel l-istess tip ta' xoghol fejn kien dam xi sitt xhur. Qal li minn hemmhekk kien intbaghat il-Furjana jaghmel l-istess tip ta' xoghol. Qal li kienet l-ewwel darba biss li kienu tawh karta mat-transfer.

Qal ukoll li kien sofra danni morali u psikologici minhabba li ma thalliex jaghmel dak il-generu ta' xoghol illi huwa kien akkwista certa 'expertise' fih. Semma li fl-1989 kien applika ghall-promozzjoni ta' Technical Officer II (TO II) u Technical Officer III (TO III), izda ghalkemm hassu li mar tajjeb hafna fl-'interview', il-promozzjoni ma nghatatx lilu,

izda lill-impjegati l-ohra b' ferm anqas servizz u esperjenza minnu, kif ukoll b'anqas kwalifiki minnu. Qal li fl-ahhar ta' l-1995, kien inghata l-promozzjoni ghal T.O. III u sostna li minhabba d-dewmien sabiex jinghata l-promozzjoni kien tilef l-opportunita` li jibqa' javvanza fi hdan il-Korporazzjoni u tilef 'seniority' li kien akkwista matul iz-zmien.

Xehed Charles Fenech u qal li kien jahdem mal-Maltacom fil-kariga ta' Technical Executive u dam sa Lulju 1999. Qal li lir-rikorrent jafu u fl-1987 huma kienu jahdmu B'Kara taht l-inginier Grech. Semma li ghall-habta tal-1988 ir-rikorrent kien spicca San Pawl il-Bahar fuq transfer. Qal li wara kien rega' mar B'Kara. Semma li xi zmien minnhom is-section kollha fejn kien ir-rikorrent kienet spiccat Haz-Zebbug.

David Buttigieg rapprezentant tal-Maltacom fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2000 iddikjara li mill-files irrizultalu li r-rikorrent ha transfer wiehed u cioe` dak tat-18 ta' Ottubru 1989 mis-Civil Engineering Works il-Furjana ghall-Planning Section il-Marsa. Dwar it-transfers li r-rikorrent qed jallega li saru fil-konfront tieghu qal li mir-records irnexxielu jsib transfer wiehed li sar fit-18 ta' Ottubru 1989 li minn Civil Engineering Works mill-Furjana intbaghat jahdem mal-Planning Section ma' l-Inginier Cachia f'dipartiment iehor. Qal ukoll li seta' kien hemm possibilta` li transfer ufficjali ma jkunx hareg fuq il-formola preskritta li jaghmlu s-soltu. Seta' kien li nghata transfer u ma jkunx gie imnizzel ufficjalment.

Xehed dwar zewg applikanti li kienu applikaw ghall-grad ta' TO II u T.O. III bhal Lawrence Pavia u Charles Aquilina. Qal li Lawrence Pavia kien dahal mat-Telemalta dak iz-zmien Posts & Telephones, bhala Labourer fit-2 ta' Mejju 1969, lahaq supervisor fl-4 ta' Marzu 1976, Chargehand b'effett mill-1 ta' Jannar 1979, Telecom Technician III b'effett mill-1 ta' Ottubru 1986 u Technical Officer II b'effett mill-5 ta' Gunju 1987 b'rizultat ta' l-ezercizzju ta' promozzjonijiet in kwistjoni. Semma li bhala kwalifiki Lawrence Pavia ma kellu xejn u fil-fatt fir-rapport tal-bord tal-ghazla bhala marki kien inghata nil.

Rigward Charles Aquilina qal li dan kien haddiem tal-ex Cable & Wireless fl-1 ta’ Jannar 1975. B’effett mis-17 ta’ Gunju 1989 kien gie fil-grad ta’ Telecom Technician II u ha promozzjoni ghal TO III, b’effett mill-5 ta’ Gunju 1987 b’ rizultat ta’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet in kwistjoni. Rigward kwalifiki qal li Aquilina kellu Government Wireman Licence ALP ta’ l-1962 u ta’ dan kien inghata 8 punti. Esebixxa kopja tar-rapporti tal-Bord tal-Ghazla ghall-grad ta’ Technical Officer II, u Technical Officer III, rigward promozzjonijiet li kienu saru fl-1989 li fihom l-ordni tal-mertu u l-kriterji uzati mill-bord tal-ghazla u l-breakdown tal-marki individwalment.

Dwar Raymond Spiteri qal li dahal bhala Mate Fitter fis-7 ta’ Frar 1965, lahaq Fitter fit-8 ta’ Gunju 1967, tela’ Technician I fl-1 ta’ Frar 1964, Senior Technical Officer fil-5 ta’ Gunju 1987 b’rizultat ta’ dan il-process ta’ promozzjonijiet u mbaghad bir-rifroma tal-Gvern sar Officer Scale 8 mill-1 ta’ Jannar 1991 u Principal Technical Officer b’effett mill-1 ta’ Jannar 1998.

Dwar Emanuel Galea qal li kien dahal bhala Mate Jointer fil-15 ta’ Marzu 1971, lahaq Technical I fl-1 ta’ Frar 1974, Technician II fl-1 ta’ Jannar 1979, Technical Officer III mil-5 ta’ Gunju 1987 b’rizultat ta’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet, bir-riforma tal-Gvern sar Officer in Scale 9 b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991, imbaghad Officer in Scale 8 b’effett mil-5 ta’ Gunju 1995 u fl-ahhar sar Principal Technical Officer b’effett mill-1 ta’ Jannar, 1998 b’rizultat tar-ri-organizzazzjoni.

Dwar Frans Cachia qal li kien dahal bhala Labourer fit-8 ta’ Lulju 1965, lahaq Skilled Labourer bil-5 ta’ Settembru 1966, Mate Linesman b’effett mill-10 ta’ Marzu 1969, b’effett mil-11 ta’ Mejju 1971, Technician I b’effett mill-1 ta’ Frar 1974, Technician II b’effett mill-1 ta’ Ottubru 1986, Senior Technical Officer b’effett mill-5 ta’ Gunju 1987 b’rizultat ta’ dan il-process ta’ promozzjonijiet, Officer in Scale 8 b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991 b’rizultat tar-riforma tal-Gvern, u b’ rizultat tar-ri-organizzazzjoni kien sar Principal Technical Officer b’effett mill-1 ta’ Jannar 1998.

Xehed Charles Attard rapprezentant tat-taqsima pagi li esebixxa dokument li fih jidher l-ammont ta' overtime fit-tielet kolonna mis-snin 1985 sa' l-1996 u qal li fejn hemm imnizzel 'nil' ir-rikorrent ma kellux overtime. Semma li kien nizzel 'nil' ghax meta vverifika ma sab l-ebda karti f'dik is-sistema fil-Maltacom. Qal li mir-rekord ma rrizultalux jekk il-varjazzjoni fl-overtime, meta r-rikorrent kellu overtime u meta ma kellux, hiex relatata mal-postijiet diversi fejn kellu r-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**
Fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-6 ta' Novembru 2001 fl-ismeijiet Joseph Mallia vs Chairman in rappreżentanza tat-Telemalta Corporation u b' digriet tad-9 ta' Frar 2000 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess it-Tribunal kien qal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**
Dan it-Tribunal jinsab spiss affaccjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe`:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **15**% |
| Kwalifiki | **25**% |
| Mistoqsija Teknika | **15**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

Analisi tar-Rizultati:

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut

mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7;  kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat!  Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom.  Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki;  minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki.  Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz.  Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16.  Il-maximum tal-kwalifiki kien 15;  fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15.  Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien  TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%;  it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom.  Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**
Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 10 ghal TO III, u 10 ghal TO II; it-Tribunal halla l-istess

allokazzjoni ta’ 30%; ir-rikorrent stqarr li dahal jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1970 u din ma gietx kontradetta u ghalhekk haqqu li jigi allokat 19-il marka ghal TO III u 19-il marka ghal TO II;
Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 7 ghal TO III, u 12 ghal TO II; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal dawn isiru 5 u 9;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 0 ghal TO III, u 0 ghal TO II; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal dawn il-marki xorta jibqghu 0 u 0;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 10 ghal TO III, u 10 ghal TO II; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marki jsiru 8 u 8;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 3 ghal TO III, u 6 ghal TO II; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta’ 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marki ta’ 3 u 6;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4 ghal TO III, u 4 ghal TO II; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta’ 5%; it-Tribunal ihalli l-istess marki ta’ 4 u 4;

Dan igib it-totali ghal TO III ghal 39 u ghal TO II ghal 46.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett tal-promozzjonijiet ghax anke bl-allokazzjoni l-gdida xorta wahda r-rikorrent ma jikkwalifikax.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar trasferimenti. Irrizulta li fi zmien relattivament qasir ir-rikorrent gie trasferit xi jumejn wara l-elezzjoni ta’ l-1987 minn B’Kara ghal San Pawl il-Bahar l-exchange u hemm kien dam disa’ xhur, u wara kienu baghatuh B’Kara fejn kien qabel u wara gie trasferit il-Furjana. Huwa veru li mid-depozizzjoni tas-Sur David Buttigieg irrizulta li r-rikorrent gie trasferit darba izda kif semma l-istess xhud hu kien qieghed jixhed mill-files u jista’ jkun li xi transfer ma jigix imnizzel. Charles Fenech ikkonferma t-trasferiment li kien ha r-rikorrent ghal San Pawl il-Bahar. Raguni ghat-transfer ma nghatatx. Dan it-Tribunal fil-kawza “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti

fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ma gietx moghtija ebda raguni ghal dawn it-transfers u ghalhekk taht dan l-aspett it-Tribunal isib l-ilment gustifikat u ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar il-fatt li tilef l-overtime. Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu fl-14 ta' Dicembru 1999 fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited minn fejn jirrizulta car li talba ghal overtime bhala tali tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal sakemm din ma tkunx specifikament konnessa ma' xi kap iehor imsemmi fl-artikolu 6 tal-Kap 394. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae*** dwar dan l-aspett.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar transfers gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------